# Il-Pittur residenti Ħal Balzan – John Martin Borg



John Martin Borg

John Martin Borg twieled fl-24 ta' Frar 1953 minn Carmelo u Rita neé Schembri, l-iżgħar minn seba' aħwa.

Trabba fl-inħawi tal-Gżira u Ta' Xbiex u kien jitgħaxxaq b'dawk id-dgħajjes kollha fil-baħar tal-madwar u bl-ilwien imżewqa li jkollhom. Din ix-xena kienet l-ewwel ispirazzjoni lejn karriera mill-aktar artistika kkulurita.

Beda l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Santa Monika u wara fl-Iskola Primarja tal-Gżira. Imbagħad daħal fil-Kulleġġ Stella Maris tal-Gżira. Sab xi diffikultajiet fl-iskola, però l-imħabba lejn l-arti u lejn l-immaġinazzjoni kienu tawh l-ewwel pass lejn l-ideal fl-arti fil-kapaċità tiegħu bħala artist hekk fil-bidu tal-adoloxxenza tiegħu. Għall-bidu sab problemi fl-istudju tiegħu, però ppersista li jkompli jistudja flimkien mal-arti. Fl-1966 beda jattendi fl-Iskola tal-Arti fil-Polytechnique tal-Imsida taħt Harry Alden, imbagħad studja wkoll iż-żebgħa taż-żejt taħt Esperit Barthet. Lejn is-sena 1974-5 John Martin beda juri interess lejn l-akkwarelli. Fis-sena 1979 kien ħa sehem fl-ewwel wirja kollettiva ġewwa l-Mużew tal-Fine Arts il-Belt Valletta. Hawn kien il-punt tat-tluq sabiex jibda juri l-ħila artistika tiegħu. Kienu l-ewwel sinjali għall-kreattività u potenzjal fl-arti speċjalment fl-użu tal-akkwarelli. Kien wasal iż-żmien ukoll għall-ewwel wirja personali u din tellgħaha fis-sena 1982, segwita b'wirja oħra fis-sena 1988, dejjem fil-Mużew tal-Fine Arts. Fis-sena 1990 ikkommemora l-ewwel 10 snin minn meta beda juża l-akkwarelli u fil-fatt tella' esebizzjoni bl-isem **'A decade of outdoor water colours'** fil-Berġa tal-Provance ġewwa l-Belt Valletta. Din il-wirja kienet tikkonsisti xogħlijiet tal-pajsaġġ Malti, xogħlijiet marittimi u pitturi ta' xogħol fl-arkitettura li llustraw l-ewwel għaxar snin tiegħu fl-akkwarelli.



Pittura li turi l-Annunzjata

F'Mejju 1992, il-President ta' Malta ta' dak iż-żmien Dr Ċensu Tabone ppreżenta biċċa xogħol ta' John Martin Borg lir-Reġina Elizabetta li fiż-żjara tagħha ġewwa Malta. Matul is-snin 90, hu kompla jkabbar u jtejjeb il-prodott tiegħu b'diversi esebizzjonijiet. Esebizzjoni li tat sodisfazzjon lill-artist kienet dik li saret fis-sena 2000 taħt l-isem **'Rendered in Red & Gold'**, dejjem fil-Mużew tal-Fine Arts fil-Belt Valletta. Din il-wirja saret biex jitfakkar il-bidu tal-Millenju ġdid kif ukoll l-20 anniversarju tal-artist bl-użu tal-akkwarelli.



Il-Port tal-Imġarr fis-snin 20.

Ta' sodisfazzjon kbir kien li f'Ottubru 2007, il-Maltapost nehdiet sett ta'

bolol bl-isem ta' 'Scenery'. Kienu ħames xeni mill-aqwa ta' dan l-artist li wrew l-Imdina, il-Port tal-Imġarr u l-madwar, ix-Xatt tal-Birgu, il-Bajja tax-Xlendi u mitħna, b'razzett u kappella. F'Ġunju 2008, l-Arċidjoċesi ta' Malta kkommisjona lil J.M. Borg biex joħloq ikona lill-Arċipriet Mons. Pawl Cremona jieħu miegħu waqt iż-żjarat tiegħu fil-Parroċċi mxerdin.

F'Marzu 2009, il-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta flimkien mal-Heritage Malta organizzaw bejn Marzu u April esebizzjoni bl-isem 'Reflections on Pauline Technology'. Kienet saret fuq bażi Nazzjonali waqt is-Sena Pawlina ġewwa 'Salone' fil-Mużew tal-Arkeoloġija l-Belt Valletta.

Ix-xogħlijiet tiegħu jinsabu f'diversi postijiet pubbliċi fosthom fil-Mużew tal-Arti Kontemporanja, fil-Mużew Marittimu fil-Birgu, fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina, fil-Palazz tal-President, fil-Mużew tal-Fine Arts, f'diversi Banek ewlenin kif ukoll f'diversi Ministeri. Bħala wirjiet barra minn Malta nsibu fil-Mall Gallery u fir-Royal Water Colour Society Open Exhibition f'Londra, fil-Kwartieri tal-UNESCO f'Pariġi, fi Munich, f'Cologne, fi Stuttgart, f'Heidelberg, f'San Tropez, f'Pariġi, fit-Tunisija, f'Dubai u fl-Istat ta' Florida (USA). Ix-xogħlijiet tiegħu jinsabu f'postijiet prominenti bħal fiċ-Ċentru tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa f'Ġeneva u fiċ-Ċentru tal-Commonwealth f'Londra. Fiż-żjara li saret mill-Papa Benedittu XVI ġewwa pajjiżna, il-President Dott. George Abela ppreżenta lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI biċċa arti ta' John Martin Borg u għalhekk din tinsab fil-Kollezzjoni tal-Vatikan ukoll.

Fl-1977 igradwa bħala spiżjar. F'Lulju tal-1980 iżżewweġ lil Doris neé Cachia Fearne u ġew joqogħdu Ħal Balzan. Il-koppja Borg għandhom erbat itfal – David, Rachel, Michael u Claire.


Coffee at Spinola


Acts


In the calm of the creek


John Martin Borg jippreżenta għotja lill-Qdusija Tiegħu Papa Benedittu XVI


Sqaq Numru 2 Triq Santa Marija, Ħal Balzan.